**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 16 ta' Jannar 2025

Każ Numru: 616/2021

**IL-PULIZIJA**
**Vs**

**Adelaide Ellul**

(Detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 301982M)

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata, Adelaide Ellul, bint Felix u Mary nee' Caruana, imwielda il-Pieta' nhar it-30 ta' Mejju 1982, detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 301982M, u residenti ġewwa 36, Triq Toni Farrugia, Rabat akkużata:

"talli f'dawn il-għejjer, f'Ġunju 2021 u fix-xhur ta' qabel, f'Malta, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Mingħajr awtorizzazzjoni, użajt computer jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex tidħol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-computer jew f'xi computer ieħor, jew użajt, ikkopjajt jew immodifikajt kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk; (Art. 337C(1)(a) tal-Kap. 9).

2. Mingħajr awtorizzazzjoni, ħadt pussess ta' data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ u/jew għamilt użu minnhom (Art. 337C(1)(j) tal-Kap 9).

3. Mingħajr awtorizzazzjoni, kxift xi data meta dan ma kienx meħtieġ fil-qadi ta' dmirijietek jew b'liġi oħra (Art. 337C(1)(j) tal-Kap. 9).

4. U aktar talli bħala uffiċjal pubbliku u ċioé Kuntistabbli tal-Pulizija, ikkomunikajt fatt li kien ġie fdat lilek jew li kien magħruf lilek minħabba l-kariga jew impjieg tiegħek u li kellu jibqa sigriet, u għent biex jiġi magħruf (Art. 133 tal-Kap. 9)."

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tordna lill-imputata sabiex tħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri ai termini tal-Artikolu 533 (1) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll li tapplika l-piena tal-interdizzjoni ġenerali, temporanja jew perpetwa.

Filwaqt li l-Pulizija Eżekuttiva esebixxiet iċ-ċertifikat tat-twelid u l-fedina penali tal-imputat, talbet li dan il-każ jiġi nvestigat skont il-liġi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha ta' il-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2024, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara illi ma għandux aktar provi xi jressaq.

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri tad-9 ta' Marzu 2023 li permezz tiegħu din il-proċedura ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta, u li fid-dwal tal-imsemmija riassenjazzjoni tal-kawża, l-partijiet eżentaw lil din il-Qorti mis-smigħ mil-ġdid tal-provi li kienu diġà nstemgħu mill-Maġistrat preċedenti.

Rat ix-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti.

Semgħet it-trattatazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata, l-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Ispettur George Frendo** xehed li huwa kellu każ fil-konfront ta' ċertu Omar Attard li kien qed jinstema quddiem il-Maġistrat Dr Monica Vella fejn fit-2 ta' Ġunju 2020 waqt ix-xhieda li kien qed jagħti l-Ispettur u anke waqt ix-xhieda li kien qed jagħti l-persuna li kien wettaq ir-rapport ċertu Lanzon Brandon, id-difiża waqt il-kontro-eżami kienet għamlet ċertu mistoqsijiet fir-rigward il-persuna li ressqet ir-rapport u ċioé jekk Brandon Lanzon kienx magħruf sew mal-pulizija.

   L-Ispettur sostna li huwa ssuspetta li d-difiża setgħet ġabet xi informazzjoni rigward il-passat ta' Brandon Lanzon li kellu mal-pulizija u dan minħabba l-fatt li Omar Attard kien f'relazzjoni mal-imputata Adelaide Ellul li hija pulizija.

   Għalhekk huwa ssuspetta li l-imputata setgħet ħarġet xi informazzjoni sabiex tużaha bħala vantaġġ għal partner tagħha.

   L-ispettur talab lit-taqsima tal-audits fi ħdan id-dipartiment tal-IT tal-pulizija sabiex jagħmlu awditjar fuq l-aċċess li daħlet fih l-imputata Adelaide Ellul.

   Is-Supretendent Antonello Grech kien għadda u pprovda lill-ispettur l-aċċess li kienet daħlet l-imputata bejn l-1 ta' Mejju 2021u t-30 ta' Ġunju 2021. Dan kien il-perjodu li fih Omar Attard kien ġie arrestat u tressaq taħt arrest.

   L-Ispettur sostna li deher biċ-ċar li l-imputata bejn it-12 ta' Mejju 2021 u l-24 ta' Mejju 2024 kienet fittxet kemm fuq Brandon Lanzon u anke fuq persuni li Brandon Lanzon kien qrib tagħhom. Fittxet ukoll fuq rapporti li huma marbuta mal-istess Brandon Lanzon.

   L-ispettur sostna li dan ikkonferma s-suspetti tiegħu fuq l-imputata li bħala uffiċjal tal-pulizija setgħet ħarġet xi informazzjoni mis-sistema tal-pulizija sabiex tgħin lil partner tagħha Omar Attard.

Fl-4 ta' Lulju 2021 l-imputata ġiet arrestata. Fl-ewwel stqarrija tagħha l-imputata kienet sostniet li hija kienet aċċessat id-dettalji ta' dawn il-persuni għax kienet kriet post lilhom u xtaqet li tkun taf aktar fuq dawn il-persuni u l-passat tagħhom.

Meta l-imputata ġiet mistoqsija jekk kinitx se tgħaddi din l-informazzjoni lil terzi, hija ċaħdet.

Fit-tieni stqarrija tagħha hija kienet għażlet li teżerċita d-dritt tas-silenzju.

Ix-xhud ippreżenta CD kontinenti stqarrija tal-imputata datata 4 ta' Lulju 2021, CD kontinenti stqarrija tal-imputata datata 31 ta' Lulju 2021, audit report, rapport relattiv, mandat t'arrest, kopja tax-xhieda tal-Ispettur George Frendo u kopja tax-xhieda ta' Brandon Lanzon.

2. **L-ex Supretendent Antonello Grech** muri dokument GF3 huwa sostna li dak huwa audit tal-MPS li kien għamel hu fit-30 ta' Lulju u stampaħ fis-sagħtejn neqsin għaxra ta' wara nofsinhar.

   Ix-xhud sostna: *'Dan jiena, hawnhekk intlabt fuq dan ir-rapport 7Q1071/2021 min daħal fuqu. Issa mbagħad kelli fejn daħlet il-PC2212 Adelaid Ellul. Dawn id-dati u għandi id-dati fejn dan. L-10 ta' Mejju sal-1 ta' Ġunju 2021.'*

   Ix-xhud sostna li dak l-audit jikkontjeni kull aċċess tal-imputata.

3. **PC 334 Matthew Bohm** ippreżenta kopja tal-wild card ta' PC 2212 u ċioé tal-imputata.

4. **L-ispettur Christian Abela** ippreżenta ċertifikat tat-twelid ta' Elias Attard Ellul u ċertifikat tat-twelid ta' Elias Attard Ellul.

5. **L-Assistent Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali Stephania Calafato Testa** ippreżentat vera kopja tax-xhieda tal-Ispettur George Frendo u ta' Brandon Lanzon li jinsabu fl-Atti fl-ismijiet il-Pulizija vs Omar Attard, liema kawża hija pendenti quddiem il-Maġistrat Dr Monica Vella (Distrett Rabat).

Illi sabiex tirribadixxi l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata, id-Difiża għażlet li ma tressaq l-ebda xhud. L-imputata għażlet li ma tixhidx f'dawn il-proċeduri **u dana hekk kif hija kellha kull dritt li tagħmel.**

**B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>**

1. **Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, ċioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raġuni"*.

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*.

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

2. **Fuq il-Provi tal-Prosekuzzjoni**

Ma huwiex ikkontestat li l-imputata Adelaide Ellul hija pulizija. Fl-istqarrija tagħha tal-4 ta' Lulju 2021 (minkejja li l-prosekuzzjoni ma talbitx li ssir traskrizzjoni ta' din l-istqarrija, din il-qorti rat u semgħet l-istqarrija permezz tar-recording li hemm fuq ic-CD) sostniet li hija aċċessat fis-sistema sempliċiment sabiex tara r-ritratti ta' Brandon Lanzon u oħrajn għaliex kienet krietilhom xi propjetà u riedet tkun taf min huma għax kienu għamlulha xi ħsara fl-istess propjetà. Hija ċaħdet li kienet daħlet f'xi rapporti li kienu għamlu mal-pulizija dawn in-nies u ċaħdet ukoll li kienet għaddiet xi informazzjoni fuq dawn in-nies lil terzi. Fit-tieni stqarrija tagħha hija rrifjutat li tirrispondi għad-domandi kollha li sarulha.

Fix-xhieda tiegħu l-**Ispettur George Frendo** xehed li huwa kellu każ fil-konfront ta' ċertu Omar Attard li kien qed jinstema quddiem il-Maġistrat Dr Monica Vella fejn fit-2 ta' Ġunju 2020 waqt ix-xhieda li kien qed jagħti l-Ispettur u anke waqt ix-xhieda li kien qed jagħti l-persuna li kien wettaq ir-rapport ċertu Lanzon Brandon, id-difiża waqt il-kontro-eżami kienet għamlet ċertu mistoqsijiet fir-rigward il-persuna li ressqet ir-rapport u ċioé jekk Brandon Lanzon kienx magħruf sew mal-pulizija.

L-Ispettur sostna li huwa issuspetta li d-difiża setgħet ġabet xi informazzjoni rigward il-passat ta' Brandon Lanzon li kellu mal-pulizija u dan minħabba l-fatt li Omar Attard kien f'relazzjoni mal-imputata Adelaide Ellul li hija pulizija.

Għalhekk huwa ssuspetta li l-imputata setgħet ħarġet xi informazzjoni sabiex tużaha bħala vantaġġ għal partner tagħha.

L-Ispettur sostna li deher biċ-ċar li l-imputata bejn it-12 ta' Mejju 2021 u l-24 ta' Mejju 2024 kienet fittxet kemm fuq Brandon Lanzon u anke fuq persuni li Brandon Lanzon kien qrib tagħhom. Fittxet ukoll fuq rapporti li huma marbuta mal-istess Brandon Lanzon.

L-ispettur sostna li dan ikkonferma s-suspetti tiegħu fuq l-imputata li bħala uffiċjal tal-pulizija setgħet ħarġet xi informazzjoni mis-sistema tal-pulizija sabiex tgħin lil partner tagħha Omar Attard.

**L-Assistent Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali Stephania Calafato Testa** ippreżentat vera kopja tax-xhieda tal-Ispettur George Frendo u ta' Brandon Lanzon li jinsabu fl-Atti fl-ismijiet il-Pulizija vs Omar Attard, liema kawża hija pendenti quddiem il-Maġistrat Dr Monica Vella (Distrett Rabat).

Jidher li l-Ispettur Frendo ssuspetta li l-imputata setgħet għaddiet xi informazzjoni lil Omar Attard u/jew lir-rappreżentant legali tiegħu għaliex waqt il-kontro-eżami tiegħu ir-rappreżentant legali tiegħu staqsietu jekk Lanzon huwiex magħruf mal-pulizija u kemm ir-rapport lil pulizija sar fil-konfront ta' Lanzon. Filwaqt li fil-kontro-eżami ta' Brandon Lanzon, id-difiża talbitu jikkonferma li dan ma kienx l-uniku rapport li huwa kien għamel lil pulizija fil-konfront ta' terzi fuq użura.

**L-ex Supretendent Antonello Grech** kkonferma li l-audit fuq l-aċċess li daħlet fih l-imputata Adelaide Ellul bejn l-1 ta' Mejju 2021 u it-30 ta' Ġunju 2021 kien sar minnu.

Minn dan l-audit jirriżulta li l-imputata Adelaide Ellul kienet aċċessat u daħlet f'diversi rapporti relatati ma Brandon Lanzon. Minn dan l-audit jirriżulta wkoll li l-imputata ma stampat l-ebda informazzjoni u/jew rapporti li huma relatati ma Brandon Lanzon jew terzi qrib tiegħu li hija aċċessat għalihom minn fuq is-sistema.

5. **L-Ewwel Imputazzjoni:** *Talli f'dawn il-gżejjer f'Ġunju 2021 u fix-xhur ta' qabel, f'Malta, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: Mingħajr awtorizzazzjoni, użajt computer jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex tidħol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-computer jew f'xi computer ieħor, jew użajt, ikkopjajt jew immodifikajt*

*kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk; (Art 337C(1)(a) tal-Kap. 9).*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Roderick Sammut** deċiża fid-29 ta' April 2019 mil-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ngħad is-segwenti:

***"L-Artikolu 337C(1)(a) tal-Kodici Kriminali***

*Dan l-artikolu jipprovdi li hu reat jekk persuna **mingħajr awtorizzazzjoni** ... tuża computer jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex tidħol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-computer jew f'xi computer ieħor, jew tuża, tikkopja jew timmodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk;*

*Illi għalhekk irid jigi stabbilit <u>jekk l-imputat kellux l-awtorizazzjoni mehtiega</u> meta accessa ghal PIRS Report 2/C/2280/2016 u cioe` meta uza computer biex dahal f'data partikolari.*

*Issir riferenza ghas-sentenza Il-Pulizija vs Leeroy Balzan fejn il-Qorti talAppell Kriminali ghamlet ezami funditus, inter alia, dwar din l-ewwel imputazzjoni:*

*Pulizija jigi meqjus bhala persuna awtorizzata sabiex tkun tista' taccessa s-sistema tal-PIRS minn dakinhar illi jkun sworn in fil-Korp. ......*

*Issa s-sub-titolu V ghat-Titolu IX tal-Kodici Kriminali ……. ligi giet immodellata fuq il-Computers Misuse Act 1990 ta'l-Ingilterra.Issa din il-ligi kellha l-ghan li tirregola tlett tipi ta' reati u cioe':*

*1. L-access mhux awtorizzat ta' materjal li jinsab f'kompjuter.*
*2. L-access mhux awtorizzat bl-intenzjoni illi jigi facilitat l-kummissjoni ta' reati ohra.*
*3. It-tibdil jew modifikazzjoni ta' materjal mhux awtorizzat.*

*Illi dan ifisser illi l-ghan tal-ligi kienet wahda u cioe' li tissanzjona kull access mhux awtorizzat ta' materjal/data li jinsab/tinsab mahzun/a f's̀istema komputerizzata. ……*

*lli l-access mhux awtorizzat gie spjegat mill-awturi inglizi hekk: "Access of any kind by a person is unauthorised if he is not entitled to control access of the kind in question to the program or data and he does not have access of the kind in question to the program or data and he does not have consent to such access from any person who is so entitled."*

*Blackstone filktieb tieghu intitolat Criminal Practice jiddiskrivi dan l-unauthorised access billi jipprovdi is-segwenti: "Access of any kind by any person to any program or data held in a computer is unauthorised if (a) he is not himself entitled to control access of the kind in question to the program or data and (b) He does not have consent to access by him of*

*the kind in question to the program or data from any person who is so entitled" Infatti fil-ktieb intitolat Computer Law ippublikat minn Reed u Angel b'referenza ghal Computer Misuse Act tar-Renju Unit, jinghad hekk: "First, there must be 'intent to secure access to any program or data held in any computer. . . . Second, the person must know at the time that he commits the actus reus that the access he intends to secure is unauthorised. The intent does not have to be directed at any particular program."*

*Mela bl-applikazzjoni ta' dan l-insenjament ta' dritt a contrario senso ma jistax jinghad illi l-PC978 ghamel uzu mhux awtorizzat tal-kompjuter jew ghal ta'l-inqas li kellu l-intenzjoni li jikseb access mhux awtorizzat ghal kompjuter gjaldarba huwa kiseb il-kunsens preventiv tas-superjur tieghu u cioe' l-appellanti sabiex jaccessa l-istess, billi dan ghaddhielu l-username u password tieghu. ………..*

*Illi l-element formali tar-reat, mid-dicitura tal-ligi, tidher illi hija l-intenzjoni illi l-awtur tar-reat jaghti informazzjoni sabiex persuna taccedi ghal xi sistema komputerizzata u tikseb informazzjoni b'mod klandestin u allura meta ma ghandhiex il-permess ufficjali jew approvazzjoni u kunsens tikseb access ghal dina l-informazzjoni, ……*

*Illi din tidher illi hija l-interpretazzjoni li inghatat ukoll mill-qrati inglizi f'dawk il-kawzi li jkunu jitrattaw dak li huma isejjhu bhala "insider unauthorised use of authorised access" fejn allura gie deciz illi jkun hemm il-htija meta il-pulizija li jikseb dak l-access jaghmlu sabiex jottjeni informazzjoni ufficjali u kunfidenzjali ghal korp ghall-uzu jew skopijiet personali tieghu u cioe' meta jkun hemm l-uzu hazin tal-informazzjoni mahzuna fil-kompjuter u mhux meta l-uzu jkun wiehed legittimu bhal f'dan il-kaz.*

*Illi l-Blackstone ighid hekk fuq l-intenzjoni mehtiega fir-reati ta' uzu hazin ta' kompjuter:*

*"There are two limbs to the mens rea of the offence. The first limb is the intent to secure access to any program or data held in any computer. .... Recklessness is insufficient; still less would careless or inattentive accessing of the computer suffice for liability. The second limb is that the accused must know at the time when he causes the computer to perform the function that the access which he intends to secure is unauthorised. The prosecution must prove both limbs;*

*Illi ghalkemm dan il-kaz jitratta sitwazzjoni fejn l-appellanti li kellu access awtorizzat ta access lil persuna ohra bl-uzu tal-password personali tieghu, madanakollu l-intenzjoni kif spjegata minn dan l-awtur eminenti xorta wahda trid tirrizulta u cioe' kif jispjega huwa stess, irid ikun hemm l-intenzjoni illi jinghata flewwel lok l-access u ukoll abbinat ma' dan l-gharfien illi dak l-access li qed jinghata huwa wiehed mhux legittimu.*

*…… mal-mument tal-ghoti tal-gurament tal-hatra u tan-numru li jidentifika il-pulizija, dan awtomatikament jikseb id-dritt li jaccessa is-sistema tal-kompjuter, kif inghad, u allura hemm jibda il-process biex jinghata l-mezzi biex ikun jista' juza dik is-sistema.*

***Illi ghalkemm m'hemmx dubbju li l-imputat kien awtorizzat jaccessa ghal PIRS report (tant li nghata username u password li jibqghu mieghu sakemm idum impjegat mal-Gvern) minn imkien ma jirrizulta li dan sar in konnessjoni ma xi investigazzjoni li kien involut fiha.***

***Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost jirrizulta perfettament dak li l-Qrati Inglizi jikkwalifikaw bhala "insider unauthorised use of authorised access". L-imputat kellu awtorizazzjoni biex jaccedi ghall-informazzjoni mizmuma fis-sistema tal-PIRS izda dan esklussivament fil-kwadru tal-impjieg tieghu u ghall-ebda raguni ohra. Ghalhekk din l-ewwel imputazzjoni giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi."***

Illi f'dan il-każ mil-audit li sar jirriżulta li l-imputata Adelaide Ellul daħlet fis-sistema tal-NPS sabiex taċċessa għal xi rapporti li jirrigwardaw lil Brandon Lanzon u terzi fosthom Daniela Deguara.

L-imputata kellha awtoriżazzjoni biex taċċedi għal informazzjoni miżmuma fis-sistema tal-NPS iżda dan l-aċċess ingħata esklussivament fil-kwadru tal-impjieg tagħha u għall-ebda raġuni oħra.

Illi fl-istqarrija tagħha, l-imputata ssotni li hija daħlet fis-sistema u fittxet fuq Brandon Lanzon, Daniela Deguara u oħrajn sabiex issir taf min huma għaliex **kienet kritilhom xi post u kissrulha xi affarijiet.**

Illi għalhekk huwa evidentament ċar li l-imputata aċċediet għal informazzjoni miżmuma fis-sistema tal-NPS mhux fuq xi ħaġa relatata esklussivament fil-kwadru tal-impjieg tagħha iżda, skont l-istess imputata, għaliex riedet tkun taf min huma peress li kienet kritilhom xi post u kissrulha xi affarijiet.

Għalhekk din il-Qorti sejra ssib lill-imputata Adelaide Pace ħatja ta' din l-imputazzjoni stante l-fatt li ġiet pruvata sal-grad rikjest mill-liġi.

6. **It-Tieni Imputazzjoni:** *'Talli f'dawn il-gżejjer f'Ġunju 2021 u fix-xhur ta' qabel, f'Malta: Mingħajr awtorizzazzjoni, ħadt pussess ta' data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ u/jew għamilt użu minnhom (Art 337C(1)(j) tal-Kap 9).'*

Din il-Qorti ssostni li filwaqt li ġie ppruvat li l-imputata daħlet fis-sistema tal-NPS u fittxet informazzjoni fuq persuni mingħajr ma kienet awtorizzata, però minn imkien ma jirriżulta

li hija ħadet xi ritratt tal-informazzjoni jew rapporti li kien hemm fuq is-sistema, jew inkella għamlet xi kopja tal-informazzjoni hekk aċċessata. Din il-Qorti għalhekk tqis li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova li l-imputata ħadet pussess ta' data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ. L-imputata Adelaide Ellul minn dejjem ċaħdet li hija għaddiet xi informazzjoni li kisbet mis-sistema tal-NPS lil terzi.

Fix-xhieda tiegħu l-Ispettur George Frendo sostna li huwa ssuspetta li d-difiża setgħet ġabet xi informazzjoni rigward il-passat ta' Brandon Lanzon li kellu mal-pulizija u dan minħabba l-fatt li Omar Attard kien f'relazzjoni mal-imputata Adelaide Ellul li hija pulizija. Għalhekk huwa ssuspetta li l-imputata setgħet ħarġet xi informazzjoni sabiex tużaha bħala vantaġġ għal partner tagħha.

L-Ispettur sostna li deher biċ-ċar li l-imputata bejn it-12 ta' Mejju 2021 u l-24 ta' Mejju 2024 kienet fittxet kemm fuq Brandon Lanzon u anke fuq persuni li Brandon Lanzon kien qrib tagħhom. Fittxet ukoll fuq rapporti li huma marbuta mal-istess Brandon Lanzon. Huwa sostna li dan ikkonferma s-suspetti tiegħu fuq l-imputata li bħala uffiċjal tal-pulizija setgħet ħarġet xi informazzjoni mis-sistema tal-pulizija sabiex tgħin lil partner tagħha Omar Attard.

Jidher li l-Ispettur Frendo ssuspetta li l-imputata setgħet għaddiet xi informazzjoni lil Omar Attard u/jew lir-rappreżentant legali tiegħu għaliex waqt il-kontro-eżami tiegħu ir-rappreżentant legali tiegħu staqsietu jekk Lanzon huwiex magħruf mal-pulizija u kemm ir-rapport sar lill-pulizija fil-konfront ta' Lanzon. Filwaqt li fil-kontro-eżami ta' Brandon Lanzon id-difiża talbitu jikkonferma li dan ma kienx l-uniku rapport li huwa kien għamel lil pulizija fil-konfront ta' terzi fuq użura. Din il-Qorti madanakollu ssostni li dawn id-domandi kienu pjuttost ġenerali u ma kienux speċifiċi. Dan għaliex ir-rappreżentant legali ta' Omar Attard la għamlet referenza għal xi rapport partikolari u lanqas ma semmiet ismijiet ta' persuni.

Apparti minnhekk hawnhekk ninsabu fil-kamp penali fejn il-prova trid tkun dik ta' mingħajr dubju dettat mir-raġuni u l-fatt li l-imputat Adelaide Ellul tinsab f'relazzjoni ma Omar Attard u hija aċċessat is-sistema fi żmien li Omar Attard kien qiegħed ikun investigat u eventwalment akkużat b'diversi reati, dawn il-provi ma humiex biżżejjed sabiex jiġi ppruvat li l-imputata Adelaide Pace għamlet xi użu mill-informazzjoni miksuba mis-sistema.

Din il-Qorti qieset il-fatt li l-investigaturi naqsu fl-investigazzjoni tagħhom milli jinterrogaw lil Omar Attard u lir-rappreżentant legali tiegħu sabiex jistabbilixxu jekk l-imputata

Adelaide Ellul għadditilhomx xi informazzjoni li hija kisbet meta aċċessat fis-sistema tal-NPS.

Għalhekk il-Qorti ma hijiex se ssib lill-imputata ħatja ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata sal-grad rikjest mil-liġi.

**It-tielet imputazzjoni:** '*Talli f'dawn il-gżejjer f'Ġunju 2021 u fix-xhur ta' qabel, f'Malta: Mingħajr awtorizzazzjoni, kxift xi data meta dan ma kienx meħtieġ fil-qadi ta' dmirijietek jew b'liġi oħra (Art. 337C(1)(j) tal-Kap. 9).'*

Kif diġá ngħad, din il-Qorti ssostni li filwaqt li huwa minnu li r-rappreżentant legali ta' Omar Attard waqt il-kontro-eżami ta' l-Ispettur Frendo hija staqsietu jekk Lanzon huwiex magħruf mal-pulizija u kemm ir-rapport lil pulizija sar fil-konfront ta' Lanzon, filwaqt li fil-kontro-eżami ta' Brandon Lanzon hija talbitu jikkonferma li dan ma kienx l-uniku rapport li huwa kien għamel lil pulizija fil-konfront ta' terzi fuq użura, madanakollu l-Qorti ssostni li dawn id-domandi kienu pjuttost ġenerali u ma kienux speċifiċi. Dan għaliex ir-rappreżentant legali ta' Omar Attard la għamlet referenza għal xi rapport partikolari u lanqas ma semmiet ismijiet ta' persuni.

Apparti minnhekk hawnhekk ninsabu fil-kamp penali fejn il-prova trid tkun dik ta' mingħajr dubju dettat mir-raġuni u l-fatt li l-imputat Adelaide Ellul tinsab f'relazzjoni ma Omar Attard u hija aċċessat is-sistema fi żmien li Omar Attard kien qiegħed ikun investigat u eventwalment akkużat b'diversi reati, dawn il-provi ma humiex biżżejjed sabiex jiġi ppruvat li l-imputata Adelaide Pace kixfet xi data miksuba mis-sistema.

Din il-Qorti għal darb'oħra terġa ssostni li l-investigaturi naqsu milli jinterrogaw lil Omar Attard u lir-rappreżentant legali tiegħu sabiex jistabbilixxu jekk l-imputata Adelaide Ellul għadditilhomx xi informazzjoni li hija kisbet meta aċċessat fis-sistema tal-NPS.

Għalhekk il-Qorti ma hijiex se ssib lill-imputata ħatja ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata sal-grad rikjest mil-liġi.

3. **Ir-Raba' Imputazzjoni:** *'Talli f'dawn il-gżejjer f'Ġunju 2021 u fix-xhur ta' qabel, f'Malta: U aktar talli bħala uffiċjal pubbliku u cioe Kuntistabbli tal-Pulizija, ikkomunikajt*

*fatt li kien ġie fdat lilek jew li kien magħruf lilek minħabba l-kariga jew impjieg tiegħek u li kellu jibqa sigriet, u għent biex jiġi magħruf (Art. 133 tal-Kap. 9).*

Kif diġa ngħad, din il-Qorti ssostni li l-mistoqsijiet li saru mir-rappreżentant legali ta' Omar Attard lill-Ispettur Frendo kif diġa ngħad hawn fuq kienu pjuttost ġenerali u ma kienux speċifiċi. Lanqas il-fatt li l-imputat Adelaide Ellul tinsab f'relazzjoni ma Omar Attard u li hija aċċessat is-sistema fi żmien li Omar Attard kien qiegħed ikun investigat u eventwalment akkużat b'diversi reati, ma jwassal għal prova skont il-liġi fil-kamp penali sabiex l-imputata Adelaide Pace tinstab ħatja ta' din l-imputazzjoni.

Għalhekk il-Qorti ma hijiex se ssib lill-imputata ħatja ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata sal-grad rikjest mil-liġi.

## C. <u>Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>

Għal fini ta' piena din il-Qorti qieset in-natura tar-reat li l-Qorti sabet ħija dwaru, u li l-piena erogabbli hi dik ta' multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) jew priġunerija għal żmien mhux iktar minn erba' snin, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.

Din il-Qorti jidhrilha li l-piena erogabbli ma għandhiex tkun waħda viċin il-minimu u dan peress li ma nġiebu ebda ċirkostanzi li jimmilitaw favur il-piena minima. Biss fid-dawl tal-fatt li l-imputata tgawdi minn fedina penali netta, għalkemm l-aġir tal-imputata kien wieħed serju ħafna għaliex hija tradiet il-fiduċja li l-Korp ikun poġġa' f'uffiċjal minn tiegħu, u aktar minn hekk ġiet traduta wkoll il-fiduċja u s-serħan il-moħħ tas-soċjeta' b'mod ġenerali fil-Korp tal-Pulizija, meta s-soċjeta tistenna li dawk inkarigati bil-ħarsien tal-liġi ma jkunux huma li jiksruha, l-Qorti ma tqisx li fiċ-ċirkostanzi piena karċerarja tilħaq l-effetti tagħha.

**D. Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputata Adelaide Ellul detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 301982M ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni, tat-tielet (3) imputazzjoni u tar-raba' (4) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha u minnhom tilliberaha, u wara li rat l-artikoli 133, 337C (1) (a), 337C (1) (f), 337C 1 (j) u 337F tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-imputata Adelaide Ellul detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 301982M ħatja tal-ewwel (1) imputazzjoni u tikkundannaha għal multa ta' għoxrin elf ewro (€20,000).

Għall-finijiet tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li dan il-ħlas isir permezz ta' rati mensili ta' ħames mija u sittin Ewro (€560) kull xahar, bl-aħħar pagament ikun tal-bilanċ rimanenti, b'dan illi jekk ma jsirx ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih u jekk il-multa ma titħallasx puntwalment tinbidel fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata għal kull ħamsa u tletin euro (€35) u dan skond l-artikolu 11(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Minħabba li f'dawn il-proċeduri ma ġewx maħtura periti jew esperti, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni li f'każ ta' ħtija l-Qorti tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment stante l-fatt li l-piena tar-reat li l-imputata nstabet ħatja tiegħu hija dik ta' multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) jew priġunerija għal żmien mhux iktar minn erba' snin, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien, din il-Qorti ma jidhriliex li għandha tapplika l-piena tal-interdizzjoni ġenerali, temporanja jew perpetwa fil-konfront tal-imputata u għalhekk qegħda tiċħad it-talba tal-prosekuzzjoni.

| | |
|---|---|
| **Dr. Kevan Azzopardi B.A., LL.D.** | **Josanne Gauci** |
| **Maġistrat** | **Deputat Reġistratur** |

**< Sentenza Finali >**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**